A.L. 21 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Erbatax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jemenda l-partita 2 ta' l-Iskeda.

2. Fil-partita 2 ta' l-Iskeda, minnufih wara l-kliem "(provvista eżentata bil-kreditu)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u kull persuna li tkun ġiet klassifikata bħala persuna eżentata li tagħmel provvista li kienet tkun tikkwalifika bħala provvista taxxabbli li kieku dik il-provvista kienet saret minn persuna li ma tkunx ġiet hekk klassifikata".